# ID-DAWL

DIĊEMBRU 2019 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 24

**Fittxu 'l Alla qalb id-dgħajfin tagħkom u uru dħulija magħhom.**



Timla Qalbek | Rispett lejn l-Għalliema | Verità Sħiħa | Il-Vjolenza Domestika

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# TIMLA QALBEK

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Fil-ġranet ta' ċelebrazzjonijiet u mumenti ta' ferħ li huma ferm importanti fil-ħajja tal-bniedem, ma rridux ninsew lil dawk ħutna li jgħixu fil-faqar u lil dawk li għaddejjin minn mumenti diffiċli f'ħajjithom, għal kwalunkwe raġuni. Għax m'hemm xejn aħjar milli taqsam il-mumenti tal-ferħ ma' dawk li huma inqas ixxurtjati, il-foqra u l-anzjani.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li: **"Fittxu 'l Alla qalb id-dgħajfin tagħkom u uru dħulija magħhom."**

Għalhekk huwa importanti ħafna li niċċelebraw dawn il-festi flimkien u ninkludu lil dawk ħutna li huma foqra fis-soċjetà tagħna li huma ma jaffordjawx dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, u lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom jew fid-djar tax-xjuħ u mhux mal-familji tagħhom.

Il-ġest tas-solidarjetà jġib ferħ u sodisfazzjon ta' qalb. Għalhekk mhux biss li nirċievu r-rigali imma nagħmlu l-karità u nuru s-solidarjetà tagħna mal-oħrajn, kif ktibt hawn fuq. Għax, **'meta tieħu timla jdejk, meta tagħti timla qalbek'**.

---

**ID-DAWL**

Diċembru 2019 – Numru 24 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**

---

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

**Il-Qoxra:** Namtip Studio | Shutterstock

# IR-RISPETT LEJN L-GĦALLIEMA

> **"Alla jgħolli fi gradi (*ta' ġieħ*) lil dawk minnkom li jemmnu, u lil dawk li ngħataw l-għarfien."** (Il-Koran, 58:12)

It-tagħlim huwa waħda mill-aktar professjonijiet rispettati u siewja fid-dinja. Fil-vers t'hawn fuq, Alla jgħid li dawk li jingħatalhom l-għarfien ikunu elevati għal pożizzjonijiet għolja. It-tagħlim huwa prezzjuż u dawk li jgħallmu lill-oħrajn huma nies ta' stima u rispett kbir. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem fuqu, kien qal:

> **"Il-post ta' għalliem huwa ugwali għal ta' missier spiritwali."**

Ir-rwol tal-ġenituri u tal-għalliema huwa wkoll essenzjali għall-iżvilupp morali, spiritwali, fiżiku u edukattiv tat-tfal, u għalhekk għandna nuru obbidjenza u rispett kbir lejhom. Il-ġenituri jipprovdu l-ikel għall-ġisem tat-tfal, u l-għalliema jipprovdu l-ikel għall-moħħ u għar-ruħ. L-għalliema jipprovdu l-edukazzjoni, l-għarfien u l-għerf, u jdawluhom bil-fehim, u joħorġuhom mid-dlam tal-injoranza, u jgħallmuhom it-tajjeb u l-ħażin.

Minħabba r-rwol importanti tal-għalliema, l-Iżlam ta pożizzjoni għolja ħafna u drittijiet lill-għalliema, u huma meqjusa bħala nies rispettati sew fis-soċjetà.

Nistgħu nifhmu l-istima għolja li għandhom l-għalliema minn kwotazzjoni ta' Ħażrat Ali[ra], ir-raba' Kalif wara l-Qaddis Profeta Muħammad[sa], fejn stqarr:

> "**Jekk persuna tgħallimni kelma waħda biss, dan ikun għamilni l-qaddej tiegħu għal għomru**."

Bla dubju ta' xejn, dan huwa attribut kbir għall-għalliema. Ejja nuru rispett kbir u nkunu obbidjenti lejn l-għalliema tagħna. Nazzjon li jifhem l-importanza tat-tagħlim, u japprezza u jirrispetta l-ġenituri u l-għalliema tiegħu dejjem ikollu suċċess u jistagħna.

# VERITÀ SĦIĦA

Il-verità hija wieħed mill-akbar valuri u prinċipji fil-ħajja. Persuna li tipprattika dan il-valur fil-ħajja ta' kuljum tagħha tikseb rispett kbir mis-soċjetà li tgħix fiha. L-Iżlam jagħmel enfasi kbira fuq il-verità u jgħid li wieħed qatt m'għandu jigdeb, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi. Barra minn hekk, jgħid ukoll li wieħed għandu dejjem jgħid il-verità, u mhux biss il-verità, imma l-verità sħiħa u ċara, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **"Intom li temmnu! Ibżgħu minn Alla, u għidu l-kelma ġusta u sinċiera. Huwa jberkilkom xogħolkom u jaħfrilkom dnubietkom."** (33:71-72)

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as] jispjega:

> **"L-ilsien ġie struwit biex iżomm mal-verità u l-onestà, kif intqal: [għid il-kelma ġusta u sinċiera 33:71]. Jiġifieri, wieħed għandu jlissen dak li huwa assolutament vera, għalkollox sewwa, u nieqes kompletament mill-vanità, mill-frugħa u mill-falzità."**
> (*Ruħani Khażain*, vol. 1, p. 209-210)




Mark Carrel - Shutterstock

Għalhekk, huwa prinċipju istruttiv tal-Koran Imqaddes li, meta titkellem, trid tgħid il-verità, titkellem b'intelliġenza u bil-loġika, f'mument u ħin propizju, u toqgħod lura milli tpaċpaċ fil-vojt. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem fuqu, qal:

> **"Warrab dak kollu li jġagħlek tiddubita u ggranfa ma' dak li hu nieqes mid-dubju, għaliex il-verità ssabbar, il-falzità tinkwetak."** (*Tirmizi*)
>
> **"Ftehim dwar bejgħ jista' jitranġa sakemm il-bejjiegħ u x-xerrej jinfirdu. Jekk jgħidu l-verità u juru dak kollu li hu relevanti għat-tranżazzjoni, din timtela bil-benedizzjonijiet għat-tnejn li huma; iżda jekk jigdbu u jaħbu dak li suppost inkixef, ma jkun hemm l-ebda benedizzjoni tat-tranżazzjoni."** (*Bukhari* u *Muslim*)
>
> **"Il-verità twassal għall-virtù u l-virtù twassal għall-Ġenna. Persuna tippersisti li tibqa' tgħid il-verità sakemm quddiem Alla tibda tissejjaħ Onesta. Il-gideb iwassal għall-vizzju u l-vizzju jwassal għall-Infern; u persuna tibqa' tigdeb sakemm quddiem Alla tibda tissejjaħ giddieba."** (*Bukhari* u *Muslim*)

## MIN HU MUSULMAN?

Ħażrat Anas bin Malik[ra] jirrakkonta li l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal:

**"Kull min jitlob bħalna u jħares lejn il-*Qibla* tagħna u jiekol l-annimali maqtula tagħna huwa Musulman u jkun taħt il-ħarsien ta' Alla u l-Profeta Tiegħu. Għalhekk tqarrqux b'Alla billi tqarrqu b'dawk li jinsabu taħt il-protezzjoni Tiegħu."**

*(Sahih al-Bukhari, Kitab al-Salat)*

# IL-VJOLENZA DOMESTIKA

Kull sena l-25 ta' Novembru jiġi ċċelebrat bħala l-Jum Internazzjonali kontra l-vjolenza fuq in-nisa, bl-għan biex jippromovi l-valuri tat-tolleranza u tar-rispett għan-nisa. Skont it-tagħlim Iżlamiku kull persuna għandha d-dinjità tagħha u jixraqilha r-rispett kbir. Illum il-ġurnata nsibu bosta organizzazzjonijiet li jaħdmu għad-drittijiet tan-nisa, imma, sfurtunatament, anke llum fid-dinja moderna n-nisa jaffaċċjaw in-nuqqas tar-rispett, u xi kultant jiġu abbużati u jgħaddu minn esperjenzi koroh ta' vjolenza domestika. Il-vjolenza domestika hija problema serja ħafna madwar id-dinja, hija tikser id-drittijiet fundamentali tal-mara. L-istatistiċi juru li waħda minn kull tliet nisa fid-dinja esperjenzat abbuż sesswali, fiżiku, emozzjonali jew xi forma ta' abbuż ieħor fil-ħajja tagħha.

Din is-sitwazzjoni hija gravi ħafna u teħtieġ evalwazzjoni u diskussjonijiet serji biex jinstabu l-kawżi u r-rimedju sabiex dawn l-inċidenti jiġu evitati. Skont it-tagħlim Iżlamiku, l-irġiel għandhom biex



2009fotofriends - Shutterstock

jittrattaw lin-nisa tagħhom mill-aħjar li jistgħu u jgħixu magħhom bit-tjubija u l-imħabba. U ma jinsewx li, jekk jobogħduhom, jistgħu jkunu qed jobogħdu xi ħaġa li Alla qiegħed fiha ġid kbir. U wkoll ma jinsewx li jekk ma jogħġobhomx xi ħaġa fihom, possibbilment hemm affarijiet minn tagħhom li jogħġbuhom. Għalhekk huwa importanti li dejjem naraw il-kwalitajiet tajba bejnietna. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **"Għixu magħhom (man-nisa) bit-tjieba, (għaliex anki) jekk tobogħduhom, jista' jkun li tobogħdu xi ħaġa li Alla qiegħed fiha ġid kbir."** (4:20)

Għalhekk, huwa ferm importanti li l-irġiel juru r-rispett lin-nisa tagħhom. Għax kif ngħidu **'dak li tiżra' taħsad'**, huwa essenzjali li niżirgħu ż-żrieragħ tal-imħabba, tal-kompassjoni u tar-rispett fid-djar tagħna, sabiex din il-problema tal-vjolenza domestika tiġi eliminata kompletament mis-soċjetajiet tagħna. U min-naħa l-oħra nippreparaw sewwa l-ġenerazzjonijiet futuri ħalli jkunu jistgħu jivvalutaw l-importanza tar-rispett u l-imħabba.

## IT-TLIET STADJI TAL-GĦARFIEN

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi, il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, qal li l-għarfien għandu tliet stadji:

"L-għarfien mid-deduzzjoni, l-għarfien mill-osservazzjoni, l-għarfien mill-esperjenza. Eżempju ċar ta' dawn it-tliet stadji tal-għarfien għall-bniedem tat-triq huwa dan: Meta persuna tilmaħ id-duħħan minn ċerta distanza l-loġika tal-assoċjazzjoni tikkonkludi li hemm il-possibbiltà tan-nar għaliex tal-ewwel ma jeżistix mingħajr it-tieni; dan huwa l-għarfien tad-deduzzjoni. Iżda, jekk persuna hija qrib in-nar u tista' tara n-nar b'għajnejha stess b'ċertezza, mela dan huwa l-għarfien bl-osservazzjoni. Madanakollu, jekk tersaq tant viċin in-nar u tmissu b'idha, mela dan ikun għarfien bl-esperjenza." (*Malfużat*, vol. 10, p. 402)

# IS-SAFA TAL-QALB

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi, il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, jikteb:


Payless Images - Shutterstock

"Biex wieħed jirċievi l-barkiet u l-Grazzja ta' Alla Omnipotenti huwa essenzjali li wieħed ikollu qalbu safja. Xejn ma jinkiseb mingħajrha. Dak li verament huwa meħtieġ huwa li meta Alla jittawwal fil-qalb tal-bniedem, ma jkun hemm l-ebda ħjiel ta' ipokresija fl-irkejjen kollha. Huwa biss dan l-istat tal-qalb li jattira l-Manifestazzjoni t'Alla – u dan li jagħmel ir-relazzjonijiet bejn Alla u l-bniedem ċari ħafna. Biex jinkiseb dan kollu, wieħed irid ikun leali u sinċier bħalma kien Ħażrat Ibrahim[as]; ukoll, kif kien il-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Meta persuna timxi fil-passi tagħhom, issir persuna mbierka u tkun salvata minn kull tip ta' umiljazzjoni; tkun ukoll sostnuta fil-wisa' u ċ-ċirkostanzi tagħha ma jkollhom l-ebda xkiel. Pjuttost il-bibien tal-Grazzja t'Alla jinfetħulha u tingħaqad ma' dak il-grupp ta' nies li t-talb tagħhom huwa aċċettat minn Alla. Persuna bħal din qatt ma tmut misħuta; it-tmiem tagħha dejjem ikun wieħed tajjeb.

Fil-qosor, kull min huwa sinċier u leali lejn Alla, jinqatgħulu x-xewqat kollha tiegħu – u ma jkollu l-ebda diżappunt." *(Malfużat vol. 6, pg. 376)*

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**